KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 04/2020

30 ta Marzu 2020

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' formalment online via Facebook Messenger minhabba ic-cirkustanzi prezenti i.e. Covid 19, fis-1:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Vici-Sindku
Maria Sultana - Kunsillier
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**4.1** **Qari ta' ittri ta' apoloġija**

4.1.1 Ma kienx hemm

**4.2** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

4.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 3 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

4.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjura Speranza Chircop il-minuti ġew approvati unanimament

**4.3** **Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**4.3.A** **A** Is-Sindku informa l-Kunsill illi l-applikazzjoni formali rigward 'Triq Malta Rebbieħa' kienet ġiet mimlija u intbgħatet lill-awtorita' kkonċernata fejn fil-preżent għadha qed tiġi evalwata minn naħa tal-board. Fl-istess ħin is-Sindku wkoll qal illi l-applikazzjoni rigward it-Triq Lorenzo Gonzi għadha pendenti minħabba nuqqas ta' informazzjoni fil-preżent.

**B** Is-Sindku informa l-kunsill illi huwa kien għamel kuntatt mal-awtorita' kkonċernata rigward il-materja tal-ferry u l-possibilta' li tibda topera anke mill-Kalkara fil-ġranet li għaddew, għamel enfażi fuq l-importanza ta' din il-materja man-nies ikkonċernati. Fl-istess ħin huwa wkoll ikkonferma illi sa issa m'hemm xejn ikkonfermat minn naħa tagħhom rigward dan. Il-proċess ta' tendering għadu qiegħed jiġi maħdum minn din l-istess awtorita'.

**C** Is-Sindku informa l-kunsill illi l-bidu tal-proġett tax-Xatt bil-pjan li jinqalgħu s-siġar għal postijiet alternattivi kien waqaf minħabba ċ-ċirkostanzi tal-preżent jiġifieri l-covid 19 sfortunatament. Fl-istess ħin is-Sindku qal lill-kunsill illi minn naħa tiegħu xtaq illi jinsab post alternattiv biex fin-nuqqas tal-bandli tax-Xatt la darba jinqala' minħabba l-istess proġett, it-tfal tal-lokal ma jagħmlux perjodu bla post ta' rikreazzjoni. Huwa qal ukoll illi diġa' tkellem mal-awtoritajiet ikkonċernati rigward biċċa art li tinsab fi Triq il-Kapuċċini biex wieħed jara taqax taħt il-privat jew hijiex art tal-gvern li tista' tintuża għal dan il-għan. Fl-istess ħin is-Sur Aquilina talab lill-kunsilliera jiddentifikaw xi post fil-lokal li jaħsbu li hu propjeta' tal-gvern biex is-Seg Eżek tkun tista' tiċċekja wkoll mal-awtoritajiet f'każ li l-kunsill jaqbel li jinġiebu fondi biex ikollna post alternattiv bħala bandli / post ta' rikreazzjoni.

**D** Is-Sindku informa l-kunsill rigward sitwazzjoni xejn sabiħa li tirrigwarda l-uffiċini amministrattivi tal-kunsill, fejn fl-aħħar jiem kien qiegħed jinħareġ ammont ta'

ilma / drenaġġ fl-ufficju tas-Sindku kif ukoll fl-uffiċju tas-Seg Eżek. Huwa informa l-kunsill illi hu stess flimkien mas-Seg Eżek għamlu r-rapporti kollha neċessarji u hemm korrespondenza bil-miktub rigward dan kollhu.

Mid-dehra l-ħsara ġejja mis-siti biswit il-kunsill, fejn fl-aħħar jiem inġabu ċ-ċwievet ta' dawn is-siti biex l-awtorita' tal-housing tkun tista' tiġi tirranġa din is-sitwazzjoni. Fl-istess ħin sar ukoll rapport lis-sanita biex jinġieb kampjun ta' dan l-ilma / drenaġġ anke minħabba saħħa u sigurta' tal-impjegati li qed jaħdmu mill-uffiċini stess.

**E , F** Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi fil-ġranet li għaddew flimkien mas-Seg Eżek inħarġu struzzjonijiet ġodda kif ser ikun qiegħed jopera l-uffiċju amministrattiv tal-kunsill minħabba ċ-ċirkostanzi tal-preżent ( covid 19) dan wara diskussjonijiet twal u konkreti biex b'hekk kulħadd ikun jista' jibqa' jinqeda u fl-istess ħin l-impjegati ikollom saħħitom salvagwardjata. Dawn il-miżuri wkoll ġew ippublikati fuq il-fb page uffiċjali tal-kunsill kif ukoll tweħħlu notifiċi fuq notice board barra mill-bieb ewlieni tal-uffiċju stess:

Ġbir ta' skart goff, permessi u ilmenti jinħadmu minn fuq it-telephone

Dan kollhu wkoll sar biex in-nies assolitament ma jkollomx għalfejn imorru personali l-uffiċju tal-istess kunsill.

Fuq nota oħra s-Sindku qal illi n-nies jistgħu wkoll jgħaddu l-ilmenti tagħhom via facebook messenger kif ukoll fuq platform ġdida li ġiet organizzata minn naħa tal-assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali li ġġib l-isem ta' yousafekalkara, fejn kull lokal inħoloqlu grupp għalih biex b'hekk in-nies ikollom aktar mezzi fejn jistgħu jilħqu l-kunsilli rispettivi tagħhom.

Is-Sindku informa l-kunsill illi fil-ġranet li għaddew kien ħa ħsieb joħloq anke Instagram għall-Kunsill Lokali Kalkara.

**G1** Is-Sindku informa l-kunsill illi kien hemm bżonn illi jerġgħu jiġu approvati l-vacation leave tas-Seg Eżek Elaine Caruana tas-Sena 2019 biex jiġu trasferiti għas-sena 2020 dan wara li d-deputat Seg Eżek kien ħa żball ġenwin fid-dati fil-minuti li saru aktar kmieni fis-sena 2019. Il-kunsill reġa' qabel unanimament fir-rigward ta' din il-materja.l-ammont ta 96 il-siegha ghandhom jigu trasferiti ghas-sena 2020.

**G2** Is-Sindku informa l-kunsill illi fil-ġranet li ġejjin ser ikun qed jintbgħatilom ir-rapport tal-healthy and safety li sar minn persuni tekniċi fuq il-bandli tal-lokal biex b'hekk kulħadd ikun jaf l-opinjoni tal-persuni tekniċi

**G3** Is-Sindku informa l-kunsill dwar kwotazzjoni li kienet intbgħatet il-kunsill mill-kuntrattur li jieħu ħsieb il-ġonna fuq palma partikolari li huma kienu qiegħedin jgħidu li hija perikoluża. L-ispiża telgħet għal 900 ewro biex din tinqala' u tiġi trasferiti f'post alternattiv. Fl-istess ħin is-Seg Eżek kompliet tgħid illi waqt din is-

seduta irċeviet email mill-awtorita' tal-ERA biex jintbgħatulha iktar dettalji fuq din il-palma għaliex skond dawn tal-aħħar ma tidirx perikoluża mir-ritratti li kienu diġa' intbgħatulom fil-verita'.

H Dan il-punt ma ġiex diskuss minħabba l-fatt illi l-awdituri ma kienux bagħtu d-dokumenti neċessarji sa ma saret din l-istess seduta

**4.4.A** Is-Sindku informa l-kunsill dwar żieda ta' bin biex jintremew il-loqom tas-sigaretti li ġie mogħoti lilna mir-Reġjun Xlokk. Dan tweħħel fl-inħawi ta' Triq Missjoni Taljana k/m Triq il-Luqqata.

**B** Is-Sindku informa l-kunsill illi fuq suġġeriment tas-Sinjura Speranza Chircop l-iskips bojod li kien hawn fil-lokal ġew mibdula mill-kuntrattur għal lewn aħdar hekk kif ir-residenti huma normali li jaraw biex b'hekk ħadd ma jitfixkel.

**C** Is-Sindku informa l-kunsill illi r-ritratti uffiċjali ta' Jum il-Kalkara 2019 ġew mgħoddija lis-Seg Eżek fejn hija wkoll ħadet ħsieb li jitpoġġew fuq pendrive biex min irid jarahom u jieħu xi ritratti minnhom ikun jista' wkoll.

**D** Is-Sindku informa l-kunsll illi wara ilment li kien daħal minn naħa tas-Sinjura Maria Sultana fuq bankini li kienet qiegħeda tiżloq il-ħaddiema tal-kunsill ħadu ħsieb li tiġi rranġata minnufih u issa m'għadiex tiżloq sintendi.

**E** Is-Sindku informa l-kunsill dwar email li rċieva bħala parti mill-korrispondenza li intbgħatet lill-Heritage fuq ilment li daħal minn naħa tas-Sur Chris Bruno u s-siġra li nibtet mis-saqaf tal-kappella tas-Salvatur, fejn din l-awtorita' kkonfermat illi din il-kwistjoni trid tiġi diskussa mal-kappillan tal-lokal minħabba illi huwa l-persuna responsabbli ta' din il-kappella u mhux huma.

.

## 4.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**1** Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-kunsill illi hija kienet attendiet għal laqgħa tal-Gal Xlokk fejn ukoll ħabbret illi żewġ entitajiet mill-lokal ibbenefikaw minn fondi speċjali. Dawn kieneu l-assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara kif ukoll is-Sea Cadets għal affini ta' proġetti li huma issottometew mal-istess Gal Xlokk.

**2** Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-kunsill illi l-ħarġiet li kellha pjanati kif ukoll il-kors tal-bizzilla ġew ikkanċellati temporanjament minħabba ċ-ċirkostanzi tal-preżent ( covid 19)

**4.5** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

4.5.1 Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti minħabba l-fatt illi din is-seduta ġiet skedata online.

4.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Chris Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

**4.6** **Mozzjonijiet**

4.6.1 Ma kienx hemm

**4.7** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

4.7.1 Is-Seduta ntemmet fis-2:30 pm. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-15 ta' April 2020 fis-1:30 pm.

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv